MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2514/2002

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Mary Desira f'isimha proprju kif ukoll bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem Il-Mikteb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm274.35) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenuta;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 6 ta' Settembru, 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-hrug ta' l-invoices relattivi sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra l-kapitolu tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta prezentat fil-21 ta' Novembru, 2003.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal fil-kontumacja tal-konvenut qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm274.35) bl-imghax legali mis-6 ta' Settembru, 2001 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------